Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 40/18

**AVVIŻI**

**07 ta' Ottubru 2018**

Infakkru li l-laqgħat ta' Katekeżi għat-tfal fil-parroċċa jkunu hekk:

- Nhar ta' Ġimgħa fil-5pm fil-MUSEUM għat-tfal tal-ewwel sena tal-primarja;
- Nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa fil-5pm fil-MUSEUM għat-tfal mit-tieni sena sas-sitt sena tal-primarja;
- Nhar it-Tlieta fil-5pm fid-Dar Parrokkjali għall-adolexxenti li qegħdin jitħejjew għas-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof;
- Nhar ta' Ġimgħa fis-7.30pm fid-Dar Parrokkjali għal dawk li għamlu l-Griżma fl-aħħar erba' snin.

Nhar ta' Sibt fl-4.30pm jiltaqa' l-Oratorju tat-tfal fiċ-Ċentru Parrokkjali. Ikun hemm attivitajiet differenti u nieħdu sehem fil-quddiesa tas-Sibt filgħaxija.

Nhar is-Sibt 13 u l-Ħadd 14 ta' Ottubru sa jsir Bazaar b'riżq il-Festa fid-Dar Parrokkjali.

Infakkru lill-għarajjes li jixtiequ jiżżewwġu li sentejn qabel għandhom jibbukkjaw il-Knisja li jixtiequ jiżżewġu fiha u jieħdu sehem fil-kors ta' Kana u laqgħat ta' tħejjija oħra.